**Triq is-Salvazzjoni**

Words & Music: Hilary Spiteri
Band: Footprints

Ragg ta' dawl li jifred is-sħab,
Imewwet il-foga u t-trab.
Jagħti nifs lill-ħsibijiet tagħna,
Bħall-qawsalla f'nofs sema bir-ragħad.

Bil-pregudizzji u kompromessi,
Ħloqna ħafna inċertezzi,
Insejna lil ta madwarna,
Insejna l-kliem li qal fuq il-muntanja

**Bħalma ħabbejtkom jien,**
**Hekk ħobbu intom lil xulxin.**
**Għax din hi l-imħabba vera,**
**Li jiena tajt ħajti għall-bnedmin.**

**Bħalma ħabbejtkom jien,**
**Hekk ħobbu intom lil xulxin.**
**Din hi t-triq għas-salvazzjoni,**
**Li twassalkom għand Missieri.**

Sajjieda tal-bnedmin għamilhom,
U l-kelma tiegħu ħallielhom.
L-Ispirtu tiegħu nefaħ fuqhom,
U b'ilsna tan-nar, moħħhom dawlilhom.

Fejjaq il-morda fit-trejqat ta' pajjiżu,
U b'festa ta' palm laqgħuh niesu.
B'salib ikkundannawh,
Minħabba l-kliem li qal fuq il-muntanja

Jien ir-Ragħaj, u intom n-nagħaġ,
Jien id-dielja, u intom il-friegħi.
Hekk tkunu ħaġa waħda miegħi,
Jekk tgħixu dal-kliem b'kuraġġ.